SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru. 35/K8/17**

Data tal-laqgħa: 10 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
John Agius- Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) – (2)**

Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg (Inc. 5046/2017)
Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy (Inc. 5045/2017)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

35.1.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg u l-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

35.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 34/K8/17 għall-approvazzjoni.

35.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 34/K8/17.

35.2.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

35.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

35.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar is-siġra li hemm mat-traffic lights fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa tkellem mas-Sur Mark Scerri Simiana fejn din is-siġra ser tiġi miżbura.

35.2.06 Is-Segretarju nfroma lill-Kunsill li l-quddiesa dwar il-Monument tal-Gwerra ser issir il-Gimgha 25 ta' Awwissu 2017 flok is-Sibt 26 ta' Awwissu 2017 u wara ser isir riċeviment.

**35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

35.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li irċivejna l-ammont ta' €1,000 mingħand il-GreenMt.

35.3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret ħsara f'siġra u doggy bin li hemm fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, il-Pulizija talbu stima lill-Kunsill u nġabar l-ammont ta' €900 għal ħsara li saret.

35.3.03 Is-Segretarju talab li l-għada tal-Festa ta' San Ġiljan l-uffiċċju ma jiftaħx, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

35.4.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro saqsa dwar jekk kienx hemm żvillup dwar dak il-persuna li kellu jagħmel il-bagi, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li sa laqgħa oħra ser ikollna stima u is-Segretarju informa lill-Kunsill li wara ser jinħareġ tender.

**35.5 Attivitajiet marbuta mal-Festa ta' San Ġiljan**

35.5.01 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li bħalissa l-Amministrazzjoni qed jaċċetta l-applikazzjonijiet ta' l-applikanti li kienu applikaw is-snin ta' qabel għall-Festa ta' San Ġiljan filwaqt li l-applikanti l-ġodda ser jinżammu pendenti sabiex naraw jekk jinstabx post addatat. L-applikanti għandhom sa nhar il-Ġimgħa 18 ta' Awwissu 2017 sabiex japplikaw għall-permessi. Din is-sena ser isiru n-numri għal kull appikant u dawn ser jinżebgħu ma' l-art ukoll.

35.5.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li min-naħa tal-Kunsill intgħalab li ssir laqgħa mat-Transport Malta flimkien mal-Għaqdiet ta' San Ġiljan u l-Pulizija sabiex jiġi diskuss t-*Traffic Management* għal waqt il-Festa ta' San Ġiljan iżda sallum il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsillier Martin John Sultana offra li jkellem hu lis-Sur Silvio Scerri sabiex din il-laqgħa ssir.

**35.6 Contracts Manager**

35.6.01 Saret diskussjoni preliminari dwar il-ħatra ta' *Contracts Manager*, kien hemm qbil li għal-laqgħa li jmiss is-Segretarju jġib t-*terms of reference* u jkun hemm diskussjoni fuq din l-ħatra.

**35.7 Talbiet żgħar**

**35.7.01 Email mingħand is-Sur Fabian Galea dwar Town Twining (Inc. 4460/17, 4473/17, 4474/17, 4475/17, 4476/17, 4477/17, 4478/17, 4480/17)**

35.7.01.01 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand is-Sur Fabian Galea dwar *Town Twining*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa bejn il-Kunsilliera nhar l-Erbgha 16 ta' Awwissu 2017 fis-1.00p.m.

**35.7.02 Email mingħand il-Kappillan Fr. Claude Portelli dwar quddiesa li tiġi organiżżata kull sena. (Inc. 4639/17)**

35.7.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar email li rċieva mingħand Fr. Claude Portelli dwar quddiesa li tiġi organiżżata kull sena.

**35.7.03 Email mingħand il-Local Government Association dwar Konsultazzjoni; Dokument Proposti Swieq fil-Beraħ – Dokument Proposti Tables & Chairs (Inc. 4698/17)**

35.7.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Local Government Association* dwar konsultazzjoni; wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi diskussa waqt il-laqgħa ta' nhar il-Erbgħa 16 ta' Awwissu 2017.

**35.7.04 Email mingħand is-Sur Fabian Galea dwar Invitation to participate in the MUNI WORLD CONFERENCE 2018 in Tel Aviv (Inc. 4702/17)**

35.7.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Fabian Galea dwar Invitation to participate in the MUNI WORLD CONFERENCE 2018 in Tel Aviv. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill m'huwiex interessat.

**35.7.05 Email mingħand il-Local Government Association dwar Ċirkulari AKL 46/2017 - Inizzjattiva MCCF (Inc. 4703/17)**

35.7.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Local Government Assocation* dwar Ċirkulari AKL 46/2017 – Inizzjattiva MCCF. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament din tintbagħat lill-Kunsilliera kollha biex jikkonfermaw jekk jaqblux magħha u l-Kunsill jirrispondi.

**35.7.06 Email mingħand il-Local Government Association dwar Ċirkulari AKL 47/2017 – Ġbir u mmaniġġjar ta' l-iskart (Inc. 4750/17)**

35.7.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Local Government Association dwar Ċirkulari 47/2017 – Ġbir u mmaniġġjar ta' l-iskart. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa li ser issir nhar il-Erbgħa 16 ta' Awwissu 2017.

**35.7.07 Email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 20/2017 – Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Inc. 4817/17)**

35.7.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 20/2017 – Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li napplikaw għaliha.

**35.7.08 Email mingħand is-Sur Keith Galea dwar Triq Claire E. Engel (Inc. 4818/17).**

35.7.10.01 Saret riferenza dwar l-email mingħand is-Sur Keith Galea dwar Triq Claire E. Engel. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż

unanimament li ssir mera ħdejn ir-Razzett fi Triq Claire E. Engel u tiġi rranġata t-tabella tal-*one way* ta' ħdejn Triq il-Fagu.

**35.7.11 Email mingħand is-Sur Chris Mallia dwar Triq Claire E. Engel (Inc. 4825/17)**

35.7.11.01 Saret riferenza dwar l-email mingħand is-Sur Chris Mallia dwar Triq Claire E. Engel. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir mera ħdejn ir-Razzett fi Triq Claire E. Engel u tiġi rranġata t-tabella tal-*one way* ta' ħdejn Triq il-Fagu.

**35.7.12 Email mingħand il-Local Government Association dwar Ċirkulari AKL 55/2017 – Proposti dwar l-iskema tal-Ħaddiema mal-Kunsill Lokali. (Inc. 4990/17)**

35.7.12.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-*Local Government Association* dwar Ċirkulari AKL 55/2017 – Proposti dwar l-iskema tal-Ħaddiema mal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

35.7.13 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Phillippe Gatt dwar applikazzjoni sabiex issir attivita' għal Settembru filwaqt li sabiex japplika għall-World Cup bejn l-14 ta' Ġunju 2018 sal-15 ta' Lulju 2018. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' Settembru għaliex jidhirlu li x-Xatt ta' Spinola għandu jibqa' gawdut mir-residenti u għalhekk m'għandux jinħarġu permessi għall-attivitajiet bħal dawn, filwaqt li dwar il-World Cup il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u għandu jiltaqa' ma' l-applikant biex jiddiskutu d-dettalji.

35.7.14 Is-Segretarju spjega lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Polidano Bros dwar il-Public Private Partnership, din il-laqgħa saret bejn il-Kunsill, il-Perit tal-Kunsill u l-Perit ta' Polidano.

35.7.15 Is-Segretarju spjega dwar il-korrispondenza li kienet ġiet diskussa fil-laqgħa ta' qabel sabiex isir l-WIFI ġewwa l-lokalita'. Min-naħa ta' l-Amministrazzjoni nġabet kwotazzjoni mingħand l-Enemalta sabiex isir meter ġdid. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jaqbilx li għandu jħallas dawn l-ispejjez.

35.7.16 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fis-6.40p.m.

35.7.17 Is-Segretarju spjega li ser issir applikazzjoni għall-ATM tal-BOV ġewwa ta' Ta' Giorni u ġie deċiż li din għandha ssir fejn il-Merħba Pharmacy.

35.7.18 Proġett tal-BOV tal-Balluta – Is-Segretarju spjega li ġiet il-proposta mingħand il-Perit ta' Kunsill sabiex niddiskutu d-dettalji ta' kif ser isir ix-xogħol. Is-Segretarju nforma li fil-laqgħa li kellu mal-uffiċjali tal-BOV, kien hemm qbil li x-xogħol isir mill-Kunsill u l-BOV tagħmel tajjeb għall-ispejjez involuti

**35.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

35.8.01 Minuti ta' Paceville ma kienx hemm peress li l-laqgħa ma saritx minħabba li ġiet posposta.

**35.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti;**

35.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'A')

35.9.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

35.9.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondaha.

**35.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

35.10.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4222 sa 4238.

35.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**35.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 14 ta' Settembru 2017 fl-4.00p.m.

35.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 14 ta' Settembru 2017